Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 13 ta' Lulju 2016 fil-5.00pm**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Godfrey Leone Ganado – Membru**

**Therese Valentino – Membru**

**Asha Caroline Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru.19 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Giet diskussa l-ahhar laqgha li saret dwar is-sistenma ta' CCTV Cameras. Rigward din il-materja, gie deciz li qabel issir konsultazzjoni ma'residenti taz-zona tal-Madliena f'Ottubru li gej sabiex jigi spjegat iktar fid-dettal kif se tiffunzjona din is-sistema u kif ukoll ssir qbil dwar l-introduzzjoni taghha.

2. B' referenza ghall-approvazzjoni tas-sistema tal-one-way fi Triq il-Veduta, il-Kumitat idecieda li din is-sistema ssir bi prova ghal xahar. Gie deciz ukoll li dan it-tibdil jigi ppublikat fuq il-pagna ufficjali ta' facebook ta' dan il-Kumitat. Il-membru G. Leone Ganado ha l-inkarigu li jaghmel dan.

3. B' referenza ghall-hajt li kien garrab xi hsarat hdejn Busietta Gardens, ic-Chairperson infurmat li dan rega' itella b'mod professjonali hekk kif titlob is-sengha. Hija rringrazzjat lis-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll lill-kuntrattur li ghamel dan ix-xoghol.

## 1. III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Hija staqsiet jekk waslitx xi risposta minn naha ta' TM dwar l-instlaazjoni ta' mobile speed camera fi Triq il-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li sa llum, ma rcieva l-ebda feedback minn naha ta' TM riwgard din il-materja.

2. Ic-Chairperson infurmat li skond l-ahhar rapport li rceviet fi Triq il-Hummejr kantniera ma' Triq il-Perkursur hemm xi wires ta' l-eletriku mdendlin fil-baxx hafna. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jirraporta dan il-periklu.

3. Hija ssugeriet sabiex mill-aktar fis, ssir verifika m' l-Awtorita ta' l-Ippjanar rigward l-izvillup li qed jitella' fi Triq il-Madliena fil-vicinanza tal-kappella. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inakirgu li jaghmel dan.

4. Hija nfurmat li fi Triq il-Madliena fil-vicinanza ta' residenza msemmija 9 Angels hemm hajt perikoluz u ghandu bzonn li jsiru xi tiswijiet fuqu. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jmur fis-sit indikat sabiex jiddentifka ahjar il-hsarat.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela<br>Chairperson | Hugh Zammit<br>Segretarju Ezekuttiv |

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Vici Chairperson

1. Huwa rrefera ghas-sinjali li saru ricentament f' Caf Caf Lane peress li rcieva kommunikazzjoni minn xi resident dwrahom. Wara diskuzzjoni, gie deciz li l-Vici Chairperson ghandu jiltaqa' mal-kuntrattur ikkoncernat sabiex dawn is-sinjali jigu oltenati hekk kif bzonn.

Mill-Membru A.C. Caruana

1. Hija nfurmat li kellha kuntatt ma-Direttur tal-Cleansing Department, is-Sur R. Deguara rigward ic-CCTV Cameras sabiex jigu nfurzati l-ligijiet rigward iz-zamma ta' l-indafa. Dan id-Direttur informa li minn naha tieghu se jkun qieghed jikkonsidra din il-proposta. Aktar dettalji se jinghtaw aktar 'il quddiem.

*Il-Membru A.C. Caruana talbet sabie xtigi skuzata. Il-hin kien 7.15pm.*

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru staqsiet jekk kinitx tnehhiet il-blokka li maghha kien marbut vent fi Triq iz-Zejni. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li skond l-ahhar informazzjoni li akkwista, din il-blokka kienet tnehhiet.

2. Hija rrapurtat li ta' spiss quddiem l-entratura ta' Busietta Gardens qed jkun hemm munzelli ta' trab,tajn u siment. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li huwa diga jinsab infurmat b' din il-problema.

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI- ikomplu

<u>Mill-Membru G. Leone Ganado</u>

1. Il-Membru informa li xi residneti ta' spiss qed jilmentaw minn storbju eccessiv ta' muzika mill-istabilment ta' Torre Paulina. Ic-Chairperson infurmat li se terga' taghmel kuntatt mal-propjetaru ta' dan l-istabiliment. Il-Membru pprezenta rapport li se jkun aness ma' dawn il-minuti bhala app. A.

2. Huwa staqsa jekk hux se tibda' tiffunzjona l-funtana li hemm fiz-zona tal-Madliena. Is-segretarju Ezekuttvi wiegeb li huwa diga' kellu kuntatti mal-kuntarttur ikkoncernat dwar din il-materja. Il-Membru ssugerixxa sabiex jekk hu possibli jinzebghu l-arbli tad-dawl li hemm madwar din il-funtana sabiex jisebbah l-ambjent tal-madwar. Huwa rrimarka wkoll li f'din iz-zona hemm palma mejta u li jkun jaqbel jekk din titnehha qabel tikkawza xi periklu ghal dawk kollha li jiffrekwentaw din iz-zona.

3. Hu gibed l-attenzjoni li jkun jaqbel jekk jigu nstallati Stop signs (kemm bhala tabelli u anke sinjali ma' l-art) minn Triq is-Sebh ghal Triq il-Madliena peress li issa se jibdew jghaddu diversi vetturi inkluzi dawk kummercjali.

4. Il-membru rrimarka li xi toroq fil-Madliena jinsabu bla indikazzjoni ta' isem tat-triq fi tarf ta' triq. Ghaldaqstant fis-seduta li jmiss, huwa se jiddentifika ezatt liema huma dawn it-toroq.

Din il-laqgha spiccat fit-8.00pm u sar aggornament ghal nhar l-Erbgha 10 ta' Awwissu 2016 fl-4.00pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela<br>Chairperson | Hugh Zammit<br>Segretarju Ezekuttiv |